# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2490

Każ Nru 3513/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Lorenza sive Lorraine Spiteri

u

Vista Cooperative Society Ltd

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

Illum : 31 ta' Awwissu 2017

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors magħmul fit-18 ta' Novembru 2016, mill-Avukati Antoine Naudi u Victor Asciak f'isem Lorraine Spiteri fejn ġie allegat li dina kienet ġiet illegalment liċenzjata minn mal-Vista Cooperative Society Limited fis-26 ta' Lulju 2016. Il-Kooperattiva Intimata li kienet rappreżentata minn Hilary Caruana u David Bezzina, assistiti mill-Avv Godwin Muscat Azzopardi, tiċħad dan u tgħid li l-liċenzjament kien dovut għal *redundancy*. Inżammu seba' seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta'seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Kaz**

Il-Kooperattiva Intimata tirritjeni li r-Rikorrenti kienet għal diversi xhur qed tieħu ħsieb proġett li meta jitlesta kellu jkun jifforma parti mill-attività tal-Kooperattiva. Dan il-proġett ma ġiex attwat u għalhekk ir-Rikorrenti ma kienx hemm bżonn li tibqa' fl-impieg u ma kienx jagħmel sens li tingħata xogħol ieħor peress li x-xogħol li setgħet tagħmel hi kien qed isir minn impjegati oħra. Għaldaqstant kienet ġiet liċenzjata għal raġuni ta' *redundancy*. Ir-Rikorrenti tirritjeni li *redundancy* ma kienx hemm u kien ilu ijsir pressjoni u theddid minn uffiċjali tal-Kooperattiva bi skop li hi tiġi sfurzata biex tirriżenja.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Il-Każ kollu jinpernja ruħu fuq il-kwistjoni ta' *redundancy* bil-Kooperattiva Intimata tagħti dan bħala r-raġuni tal-liċenzjament tar-Rikorrenti waqt li r-Rikorrenti tgħid illi kienet saret ħafna pressjoni fuqha biex tkun sfurzata tirrizenja l-kariga tagħha ta' *Manager Partner* u anke mill-Kooperattiva stess. Ir-*redundancy* bħala kunċett huwa rtikonoxxut mill-liġi nostrana għad li l-leġislatur ma użax kelma Maltija u nqeda' bil-kelma Ingliża anke fit-test Malti. Dan it-Tribunal u anke oħrajn diversament presjeduti kemm il-darba straħu fuq każistika Ingliza biex jiċċaraw dawk l-elementi li jikkostitwixxu dak li huwa neċessarju biex jiġi pruvat ir-*redundancy*. Fosthom hemm stat finanzjarju imwiergħa, bżonn ta' *re-engineering* tax-xogħol lavorattiv u importanti ħafna "*had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished?* Fiċ-ċitata sentenza tkompli tkun affermata illi "*in deciding that, tribunals should not introduce 'a contract test' whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for".*[1] Fil-każ in eżami jidher ċar illi l-Kooperattiva ma kienitx qed taffaċja xi problemi ekonomiċi meta sar il-liċenzjament. Lanqas ma jidher li kien hemm xi tqassim mill-ġdid tax-xogħol bejn l-impjegati. Mill-banda l-oħra huwa veru li r-Rikorrenti kienet qed tagħmel xogħol speċifiku fuq il-proġett tan-Naxxar li hi stess kienet iddeskrivitu bħala "*her baby*", Dan il-proġett sfaxxa la tort tar-Rikorrenti u lanqas tal-Kooperattiva Intimata. F'dak l-istadju ġie deċiż illi r-Rikorrenti kienet sfat *redundant* fl-opinjoni tal-Kooperattiva u għaldaqstant illiċenzjawha. Issa ta' min jikkunsidra x'sata' jsir mir-Rikorrenti hekk kif ħaddiema oħra kienu qed jagħmlu x-xogħol assenjat lilhom. Konsiderazzjoni importanti li ried jieħu t-Tribunal kienet tirrigwarda x-xoghol li kienet tagħmel għal xi xhur ir-Rikorrenti. Meta marret taħdem ful il-proġett tan-Naxxar kienet staqsiet x'se jsir meta dan ikun lest. Ingħatawlha risposti vagi, xejn sogħod. Iżda meta il-proġett spiċċa ħesrem giet rinfaċċjata bir-*redundancy* li ċertament ma kienitx tistenna. It-Tribunal isaqsi jekk hi kienetx impjegata esklusivament fuq dan il-progett jew dan kienx parti mill-operat ħolistiku tal-Kooperattiva. Dana għaliex ma jistax jingħad li f'Kooperattiva relattivament żgħira tista tispezza ix-xogħol f'tant *units*. Barra miċ-ċitata sentenza magħrufha bħala l-"*Burrell Case*" kwotata iktar qabel hemm ukoll twissija serja lit-tribunali industrijali f'każ ieħor. "*We think it would be quite wrong if any undertaking when faced with redundancy could treat its entirety as divided into small sections, so that the selection of redundancy should be made entirely within an individual section*"[2]. It-Tribunal ikkunsidra wkoll ix-xogħol li kien qed jagħmel Hilary Caruana meta daħal jaħdem bħala *Managing Partner* hekk kif Rosette Thake irriżenjat. Għad li jidher li kien jaħdem *part-time* huwa daħal ħafna wara ir-Rikorrenti. Veru li jidher li ma kienx jitħallas direttament u forsi iktar kien każ ta' *outsourcing* milli ta' impieg. Hu x'inhu l-każ jidher li r-Rikorrenti setgħat tagħmel dan ix-xogħol u għalhekk meta spiċċa l-proġett tan-Naxxar setgħet forsi tkun konsiderata li bħala *Managing Partner* taqdi d-doveri jew parti minnhom li kien qed jagħmel Hilary Caruana. Għaldaqstant it-teżi tal-Kooperattiva Intimata li dan kien każ ta' *redundancy* mhux sosteniibbli fil-fehma tat-Tribunal.

[1] Safe Stores plc vs Burrell (1997)

[2] Heathcote vs North Western Electricity Board (1974)

**4. Deċiżjoni**

Wara li sama' ix-xhieda, fela' d-dokumenti, sama' it-trattazzjoni finali taż-żewġ partijiet it-Tribunal jiddeċidi li l-impieg ta' Lorraine Spiteri ma' Vista Cooperative Society Limited ma ġiex terminat minħabba *redundancy.* Dan ifisser li ma kienx hemm raġuni tajba u suffiċjenti għal-liċenzjament tagħha.

**5. Kumpens**

Wara li ra l-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap 452 u qies it-telf konsegwenzjali li ġarrbet ir-Rikorrenti minħabba din it-tkeċċija t-Tribunal Industrijali jillikwida il-kumpens li għandu jitħallas mill-Kooperattiva Intimata lir-Rikorrenti fl-ammont ta' €20,000 li għandhom jitħallsu hekk : in kwantu għall-ewwel €10,000 mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2017 u r-rimanenti €10,000 sal-31 ta' Ottubru 2017. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' l-ewwel pagament għal kwalsiasi raġuni s-somma intiera issir *ipso facto* pagabbli immedjatament.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**6. Drittijiet v**

A tenur tal-Avviż Legali 48 tal-1986 id-drittijiet ta' min assista lill-partijiet huma ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja